**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 544/97

Charles Muscat

vs

Direttur tad-Dipartiment tas-Sahha

Illum 20 ta' Marzu, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 16 ta' Jannar 1989 ir-rikorrent sofra ingustizzja fi transfers vendikattivi.

Illi l-fatti fil-qosor huma li ir-rikorrent kien jahdem mas-sezzjoni ta' l-ambjent fix-Xemxija u li mis-16 ta' Jannar 1989 sa Jannar tal-1990 qala' numru ta' transfers: ghall-Marsa RDC, Mqabba, Zurrieq u

Mghatab. Ir-rikorrent jinnota illi qatt ma kien nghata gustifikazzjoni il-ghala huwa kellu jiehu dawn it-transfers kollha f'perjodu daqshekk qasir. Ukoll kien hemm drabi fejn ir-rikorrent kien ikun mitlub biex qabel imur fuq il-post tax-xoghol, imur jippancja il-Marsa RDC. Illi l-postijiet tal-Mqabba, Zurrieq u l-Maghtab huma mizbliet u ghalhekk ir-rikorrent kien intbaghat biex jahdem fl-aghar postijiet fejn hlief grieden u hmieg ma hemmx. Illi f'dawn il-postijiet ma kienx hemm toilets, dawl, servizzi tat-telephone u l-ebda igene. Illi drabi minnhom ir-rikorrent kien ikun wahdu f'dawn il-postijiet tax-xoghol.

Illi ir-rikorrent huwa dijabetiku u minn dejjem talab li jibqa' jahdem fil-ghodu. Illi meta ir-rikorrent inqala mix-Xemxija kien gie ordnat li jahdem bil-lejl. Ir-rikorrent huwa konvint li dawn it-transfers kienu vendikattivi u minhabba t-twemmin politiku tieghu u l-aktar ghaliex huwa minn dejjem kien attiv fil-Partit Laburista u b'mod specjali peress li minn dejjem kien membru tal-kumitat kemm lokali u anke tad-distrett. Illi fl-1988 l-inspectors kienu marru 32 fuq il-post tax-xoghol u dejjem sabu lil esponent fuq xogholu;

Illi ghalhekk huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda indikati f'dan ir-rikors biex jipprova l-kaz tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata kumpens ta' kemm sofra b'konsegwenza ta' dawn it-

transfers, kif ukoll li jintbaghat jahdem b'inhar jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont li jiddeciedi dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern li eccepixxa:

Illi preliminarjament ma tezisti l-ebda kariga fid-Dipartiment tas-Sahha ta' Direttur tad-Dipartiment tas-Sahha u ghalhekk il-persuna ndikata bhala l-intimata mir-rikorrent hija inezistenti.

Illi rigward it-transfer li nghata lil Charles Muscat dan sar skond l-esigenzi tas-Serivzz kif ampjament indikat fl-appoinment tieghu stess.

Illi ma tezisti l-ebda obligazzjoni da parti tad-Dipartiment tas-Sahha li tinghata spjegazzjoni lill-persuna koncernata meta din tinghata transfer stante illi dan isir skond kif ikunu jirrikjedu ic-cirkostanzi dak inhar li jinghata t-transfer.

Ghaldaqstant l-inimat fil-waqt li gab is-suespost a formali konjizzjoni tar-rikorrent Charles Muscat, talab lil dan t-Tribunal joghogbu jichad bl-ispejjez it-talbiet kif dedotti fir-rikors fuq imsemmi stante li l-pretensjonijiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ikkonferma l-kontenut tar-rikors. Fl-affidavit tieghu zied li spjegazzjoni ghaliex kienu qed jinghataw dawn it-transfers qatt ma nghata lir-rikorrent.

Andrew Buhagiar bhala rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sahha xehed li peress li llum l-RDC m'ghadiex taqa' taht id-Dipartiment tas-Sahha kienu kitbu lis-sur Buttigieg l-uffical fil-Public Cleansing Department u dan kitbilhom li r-rikorrent kien gie trasferit f'dak il-perjodu bejn Jannar 1989 u Jannar 1990 minn St Paul's Bay Public Convenience ghal Refused Dumps and Night watchaman section. Dan gie trasferit fit-tieni gimgha ta' Jannar 1989. Dwar min kien ordna transfer, u r-raguni ghalfejn kien inghata t-transfer, mill-file ma jirrizulta xejn.

Charles Borg Assistent Direttur xehed li meta jsiru trasferimenti ikun hemm certi transfers li jsiru skond l-ezigenzi tas-servizz.

**KONKLUZJONIJIET:**

Kaz li jidher li kien ikun semplici hafna izda li sfortunatament ghar-rikorrent ghandu problema u cioe' l-eccezzjoni preliminari tal-intimat li tghid:

"Illi preliminarjament ma tezisti l-ebda kariga fid-Dipartiment tas-Sahha ta' Direttur tad-Dipartiment tas-Sahha u ghalhekk il-persuna ndikata bhala l-intimata mir-rikorrent hija inezistenti."

L-artikolu 181B (1) tal-Kapitolu 12 jghid li:

"Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni."

Il-kap tad-dipartiment huwa t-Tabib Principali tal-Gvern u mhux id-Direttur Dipartiment tas-Sahha.

Fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Grech vs Prim Mnistru et" deciza minn dan it-Tribunal fid-9 ta' Dicembru, 1998 intqal:

"Illi l-Prim Ministru u Mr Speaker eccipew li "hadd mill-intimati esponenti ma huwa l-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern fejn kien impjegat ir-rikorrent u ghalhekk huma mhumiex il-legittimi kontradditturi ghar-rikors.

Illi l-persuna li huwa l-Kap tad-Dipartiment ghar-rigward ta' l-impjegati tal-Gvern li jahdmu fil-Kamra tar-Rapprezentanti huwa l-Iskrivan tal-Kamra…"

Din l-eccezzjoni hi ta' importanza fundamentali f'din il-kawza. Infatti l-artikolu 181B (1) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili jghid…

Dan il-kliem hu tant car li ma hemmx ghalfejn hafna interpretazzjonijiet. Il-ligi tirrikjedi li l-Gvern ikun rappresentat fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni u ghalhekk f'dan il-kaz mill-Iskrivan tal-Kamra. Huwa ovvju li r-rikorrent ghamel l-ilment tieghu ghax ma giex imlehhaq Editor of Debates / Assistant Head tal-Kamra tar-Rappresentanti li inkarigat minnha hu l-Iskrivan tal-Kamra. Ghalhekk il-kawza odjerna biex tista' tirnexxi bil-fors tirrikjedi li missha giet istitwita kontra l-Iskrivan tal-Kamra. Hu inutili li dan it-Tribunal ikompli jezamina aspetti l-ohra minhabba din l-eccezzjoni tal-intimati, liema eccezzjoni hi milqugha stante li l-Prim Ministru u Mr Speaker mhumiex il-legittimi kuntradditturi."

Bl-istess mod il-kawza in ezami ma gietx istitwita kontra l-legittimu kontradittur u lanqas qatt ma intalbet il-korezzjoni opportuna

ghalkemm l-eccezzjoni relevanti nghatat ab initio. Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa’ l-eccezzjoni tal-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.